# ID-DNUB MA JORQODX

Wara li miet żewġha, Ketrin ħadet ħsieb ir-raba' għax uliedha kienu għadhom ma laħqux. Ġiet sena biex tiżra' ftit kittien u dehrilha li ż-żerriegħa li kellha ma kinetx ħaġa. Sejħet lil Sdejru, ħuttab tal-biedja, u staqsietu jekk kellux il-ħila jiksbilha qabda kittien ta' għamnewwel. "Dak mhux kittien li għandek f'dik iċ-ċurniena ?" saqsa Sdejru. "Iva kittien, iżda ma f'għajnix minnu, xtaqt żerriegħa oħra; ta' xogħlok titħallas," qaltlu. "Fejn mort b'rasek, qabeż Sdejru, hux kittien trid, kittien minn l-aħjar inġiblek, għandi għax immur Burmarrad dil-ġimgħa u naf fejn hemm ftit kittien jitkellem. Newwilli dik iċ-ċurniena u nġibhielek mimlija bil-kittien li naf jien. B'żewġ skudi tfieq"—"Ħudha, qaltlu Ketrin, inħalli f'idejk." Sdejru ħareġ bid-daħka f'fommu għax kien jaħseb bejnu u bejn ruħu. "Għaqal tan-nisa. Ser naqla' żewġ skudi ta' xejn, għax narġa' l-ura biċ-ċurniena tagħha, ħa' nara jekk għandhiex il-ħila tagħraf żerriegħa minn oħra."

Ma għaddewx jumejn u Sdejru ġieb l-ura ċ-ċurniena lil Ketrin. "Hawn xbint, ara kattx rajt żerriegħa bħal din ?" — "Ma fihiex xi duda ?" saqsiet Ketrin. "Ifliha", qal Sdejru. Ketrin firxet liżar f'nofs il-għorfa u Sdejru qabad iċ-ċurniena mill-qranen u ferragħha f'kemm ili ngħid. Ħaġa tleqq feġġet f'nofs il-għorma taż-żerriegħa u Ketrin refgħet malajr ħatem tad-deheb u qegħditu f'sebagħha. Wiċċha sar minn kull lewn, xoftejha ntebqu u b'għajnejha riedet tiekol lil Sdejru. "X'ġara ?" qal il-ħuttab, "x'sibt ?" "Sibt il-qoxra ta' wiċċek," qabżet hi. "Sibt li int bla ruħ għax ġibtli l-ura l-kittien li ħadt minn għandi. Ara tgħid lê. Mita mlejt diċ-ċurniena, tlift il-ħatem tat-tieġ u ma stajt insibu imkien. Hawn hu, feġġ fiż-żerriegħa li ferragħtli. Aqla' 'l barra, xbin, qabel ma nagħmel waħda minn tiegħi." Sdejru tfixkel, imma ma riedx itiha b'mitlufa. Qabad irodd is-salib u jgerger : "Din waħda, dal-għodu, tas-sew li ma tistâx tagħmel ġid fid-dinja, ara biex tħallast wara li ħadt strappata sa Burmarrad ! u Ġieżu Marija Ġież, aħjar tagħmilha maxxjaten inkella man-nisa." U baxx-baxx telaq il-barra.

Ketrin marret warajh sal-bieb u ntasbet fuq qaddha fuq il-għatba, b'idejha mgħaqqdin ponn fuq ġenbha. "Saħħa xbin, ara qatt tersaq lejn dal-bieb, qaltlu, nagħli għal dawk iż-żewġ skudi li tlift, jaħasra."

Ketrin u la għajtet u la tmasħnet iżda l-biċċa ġriet u dawk tar-raħal, li ma għandhomx ħajta f'ilsienhom, ma kinux iħalluhielu ħelwa għall-melħ; kull fejn kien jersaq kien jisma', jew b'ċajta, jew taħt ilsien, jew mit-tfal fil-bogħod: "Xi qabda kittien niksbu?" Isma' l-lum u isma' għada, Sdejru ddejaq u f'qasir żmien ħalla r-raħal u mar igħammar band'oħra.

**D. G. S.**